MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 266/2010

**Mary Carmelina sive Carmena Ciantar (Karta ta` l-Identita` numru 414237M)**

***kontra***

**Giovanni sive John Borg bhala kompartecipi fil-komunjoni ta` l-akkwisti gja` ezistenti bejnu u bejn martu l-mejta Lotte Borg**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-**rikors guramentat** prezentat fit-22 ta` Marzu 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi permezz ta` testment datat 1 ta` Settembru 1995, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A, Lotte Borg, mart l-intimat Giovanni sive John Borg u minnu de facto separata, innominat lill-esponenti bhala l-unika eredi universali taghha ;*

*2. Illi l-imsemmija Lotte Borg mietet fil-5 ta` Ottubru 2008 u, skond kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji relattivi tal-mejta Lotte Borg, li kopja taghhom qed tigu hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. B, l-imsemmi testment ta` l-1 ta` Settembru 1995 huwa l-ahhar testment taghha ;*

*3. Illi apparti l-hbiberija twila bejn l-esponenti u Lotte Borg, l-esponenti kienet ukoll, ghal diversi snin qabel il-mewt ta` Lotte Borg, tiehu hsieb l-affarijiet kollha kemm finanzjarji kif ukoll il-bzonnijiet kwotidjani taghha skond ix-xewqat stess ta` l-imsemmija Lotte Borg, u ghal dan il-ghan l-esponenti kienet inghatat ukoll ic-cavetta tar-residenza taghha u kienet ukoll tircievi direttament fuq isimha, ic-cekkijiet tal-pensjoni ta` l-istess decuius sal-mewt taghha ;*

*4. Illi effettivament, fid-data tal-mewt taghha cioe` fil-5 ta` Ottubru 2008, il-patrimonju ta` l-imsemmija Lotte Borg, kif taf b`certezza l-esponenti li kienet accediet gewwa r-residenza tad-decuius dakinhar stess ta` mewtha, kien jikkonsisti definittivament minn flus kontanti fl-ammont ta` cirka ghoxrin elf u disa` mitt Euro (€20,900), kif ukoll minn television, telephone, cooker, fridge, dehbijiet u oggetti ohra mobbli, liema oggetti u flus kienu jinsabu kollha gewwa l-kamra residenzjali ta` l-imsemmija Lotte Borg gewwa 12, Triq Labini, Rabat, Malta, oltre assi ohra mhux maghrufa lill-esponenti ;*

*5. Illi mal-mewt ta` Lotte Borg fil-5 ta` Ottubru 2008 skond kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt taghha li*

*kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. C, l-esponenti, bhala l-unika eredi universali taghha skond l-ahhar testment relattiv (Dok. A) wirtet il-patrimonju intier ta` l-imsemmija Lotte Borg ;*

*Ir-Raguni tat-Talba*

*6. Illi b`danakollu, mal-mewt ta` martu Lotte Borg, l-intimat, kif sar jaf bil-mewt taghha u gie mgharraf mill-esponenti li hija kienet nominata bhala l-unika eredi universali ta` martu, l-istess intimat ipproceda dak il-hin sabiex dahal fir-residenza ta` martu u, kif del resto minnu diga` ammess, approprja ruhu indebitament u abbuzivament mill-flus kollha kif ukoll minn diversi oggetti ohra di proprjeta` ta` l-imsemmija martu li kienu jinsabu gewwa r-residenza taghha ;*

*7. Illi wara l-mewt ta` martu, l-intimat ma kellux iktar jedd li jaccedi fir-residenza tad-decuius u wisq inqas li jmiss xi flus jew mobbli li kienu fil-pussess taghha u li, dak il-hin li ttiehdu abbuzivament mill-intimat, kienu diga` ntirtu minn u ghaddew fil-patrimonju ta` l-esponenti bhala l-unika eredi universali ta` l-imsemmija Lotte Borg ;*

*7. Illi fic-cirkostanzi ghalhekk, l-intimat ghandu jigi kkundannat illi jirreintegra l-patrimonju ta` martu u jrodd lura dawk l-oggetti u flejjes illi seraq wara mewtha meta spossessa llegalment lill-esponenti minnhom bhala eredi universali ta` l-imsemmija Lotte Borg, u konsegwentement ghandu jigi kkundannat ihallas jew jassenja lill-istess esponenti l-proprjeta` kollha mobbli u mmobbli, inkluz flus kontanti, li jinsabu fil-pussess tieghu bhala formanti parti mill-patrimonju ta` martu kif fuq premess ;*

*8. Illi ghalkemm gie debitament interpellat, permezz ta` ittra legali datata 8 ta` Ottubru 2008 kif ukoll*

*permezz ta` ittra ufficjali datata 22 ta` Mejju 2009 li kopji taghhom qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok. D u Dok. E rispettivament, sabiex jirreintegra l-patrimonju ta` martu u jrodd lura l-proprjeta` u oggetti nkluz flejjes illi huwa approprja ruhu indebitament minnhom mill-patrimonju ta` martu l-mejta Lotte Borg a skapitu ta` l-esponenti, u ghalkemm sar ukoll rapport lill-Pulizija Ezekuttiva rigward dan l-agir kriminali tieghu, li kopja tieghu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. F, l-intimat baqa` inadempjenti ;*

*9. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza ta` l-esponenti.*

*<u>It-Talbiet</u>*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi wara d-data tal-mewt ta` Lotte Borg, l-intimat approprja ruhu llegalment minn assi appartenenti lill-patrimonju ta` martu defunta, l-imsemmija Lotte Borg, liema patrimonju kien diga` ntiret mir-rikorrenti bhala l-unika eredi universali ta` l-imsemmija Lotte Borg ;*

*2. Tiddetermina x`kienu dawk l-oggetti, inkluz l-ammont ta` flus appartenenti lill-eredita` ta` Lotte Borg, li l-intimat approprja ruhu minnhom kif premess fl-ewwel talba ;*

*3. Per konsegwenza, tikkundanna lill-intimat irodd lura u/jew ihallas lir-rikorrenti bhala eredi ta` Lotte Borg, dawk l-oggetti mobbli kolha, inkluz flus kontanti, li huwa approprja ruhu llegalment minnhom kif fuq premess,*

*b`dan illi jirreintegra fl-intier tieghu l-patrimonju ta` l-imsemmija defunta Lotte Borg ;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa` minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attrici u d-dokumenti li kienu annessi.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat l-attrici fid-19 ta` April 2010.

Rat ir-**risposta guramentata** prezentata fil-31 ta` Awissu 2010 li taqra hekk –

*1. Illi din il-kawza hija frivola u vessatorja u ghalhekk il-konvenut ma ghandux ibati spejjez, ghaliex il-beni tal-wirt huma gia` f`idejn l-attrici u l-konvenut dejjem kien lest li jaghtiha – jew pjuttost li jhalliha zzomm, ghax gia` qieghed f`idejha – dak dovut lilha izda ghandu jitnaqqas u jithallas lilu sehmu mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll il-beni parafernali tieghu u dak li jmiss lilu taht l-artikoli 632 u 635 tal-Kodici Civili.*

*2. Illi l-konvenut ma ha xejn li ma huwiex tieghu.*

*3. Fil-fatt hija l-attrici li ghandha trodd lill-konvenut dak li hu tieghu u dak li jmiss lilu, u l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attrici.*

*4. Illi l-konvenut ma hax mobbli mid-dar u l-affarijiet li hemm fid-dar huma l-maggior parti kollha tal-komunjoni tal-akkwisti hlief ghal xi oggetti li huma proprjeta` parafernali tieghu ; ghalhekk huwa jirrizerva d-dritt tieghu ghal sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll ghal dak li jmiss lilu skond l-artikoli 632 u 635 tal-Kodici Civili.*

*5. Illi l-konvenut qieghed jinqeda b`dawn il-proceduri sabiex jipproponi b`rikonvenzjoni l-kontro-talbiet tieghu.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija mharrka minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut.

Rat il-**<u>kontrotalba</u>** li taqra hekk –

*1. Illi kien separat de facto minn ma` martu Lotte Borg u l-attrici rikonvenuta kienet mahtura bhala l-eredi universali tal-imsemmija Lotte Borg permezz tat-testment datat 1 ta` Settembru 1995. Dan kien l-ahhar testment taghha. Il-konvenut ma kienx separat de iure minn ma` martu u kellu anke cavetta tad-dar u kien imur kwazi kuljum. L-attur u martu ma kellhomx ulied.*

*2. Illi fid-data tal-mewt il-patrimonju tal-mejta decuius kien jikkonsisti fis-sehem tal-mejta mill-flus u oggetti msemmija mill-attrici rikonvenuta fir-raba` paragrafu tar-rikors guramentat, hlief dawk li huma beni parafernali tal-konvenut, kif ukoll fis-sehem tal-mejta mis-somma ta` ghoxrin elf, disa` mija u erbgha u sittin euro u*

*sitta u tletin centezmu (€20,964.36) imsemmija fil-paragrafu ta` wara dan.*

*3. Illi b`kitba tal-20 ta` Gunju 2007 (Dok. JB2), Lotte Borg kienet iddepositat f`idejn l-attrici rikonvenuta s-somma ta` disat elef lira (Lm9,000) – ekwivalenti ghal ghoxrin elf, disa` mija u erbgha u sittin euro u sitta u tletin centezmu (€20,964.36) – sabiex izzommhomlha u kienet kitbitilha li l-attrici ma tistax tuzahom ghaliha u li tista` tuzahom biss wara l-mewt tas-Sinjura Borg u ghaldaqstant dan l-ammont ghandu jigi nkluz f`kull kalkolu mehtieg, sia ghall-valur tal-patrimonju tal-mejta, kif ukoll ghall-valur tal-komunjoni tal-akkwisti.*

<u>Raguni ghall-kontrotalba</u>

*1. L-attrici rikonvenuta qieghda zzomm f`idejha s-somma ta` €20,964.36 li minnhom il-konvenut ghandu sehemu tal-komunjoni ta` l-akkwisti.*

*2. Meta mart l-esponent mietet, huwa dahal fir-residenza taghha bhal ma kien jaghmel kwazi kuljum. Hu ha biss elf u tmien mitt euro (€1,800) flimkien ma` tmien mitt euro (€800) li minnhom huwa hallas il-funeral ta` martu. Dawn il-flejjes huwa hadhom meta martu, jumejn qabel ma mietet, qaltlu biex jiftah il-kexxun u jiehu dawn il-flus u minnhom ihallas il-funeral. Il-funeral ta` martu ammonta ghal seba` mija u tlieta u sebghin euro (€773) kif jirrizulta mill-ircevuta hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. JB1.*

*3. Huwa ma mess xejn mill-bqija tal-proprjeta`, lanqas il-beni li huma parafernali tieghu.*

*4. L-affarijiet li hemm fid-dar huma wkoll fil-parti l-kbira taghhom tal-komunjoni tal-akkwisti hlief ghal xi*

*oggetti li huma proprjeta` parafernali tal-istess konvenut u ghalhekk huwa ghandu dritt ghal sehemu skond l-artikoli 632 u 635 tal-Kodici Civili.*

*L-esponenti jiddikjara illi jaf huwa stess dawn il-fatti li qieghed jikkonferma bil-gurament tieghu.*

*Ghaldaqstant il-konvenut jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

*1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn il-konvenut u martu l-mejta Lotte Borg billi tiddikjara li tikkonsisti fil-beni fuq imsemmija ;*

*2. Taqsam l-istess komunjoni f`zewg ishma ndaqs li minnhom wiehed jigi assenjat lill-konvenut u l-iehor lill-assi ereditarju ta` Lotte Borg ;*

*3. Tiddikjara illi l-konvenut bhala r-ragel ta` Lotte Borg ghandu jedd ghal terz tal-valur tal-beni fl-assi ereditarju ta` martu fi proprjeta` shiha skond l-artikolu 632 tal-Kodici Civili kif ukoll il-jedd ta` uzu fuq kull ghamara fid-dar taz-zwieg li tappartjeni lill-mejta skond l-artikolu 635 tal-Kodici Civili ;*

*4. Tillikwida s-sehem li jmiss lill-konvenut skond it-talba ta` qabel din*

*5. Tiddikjara liema mill-beni fid-dar ta` residenza tal-mejta huma beni parafernali tal-konvenut ;*

*6. Tikkundanna lill-attrici trodd u tikkonsenja lill-konvenut il-beni likwidati skond it-talbiet ta` qabel din, konsistenti fis-sehem tieghu mill-komunjoni tal-akkwisti, il-*

*beni parafernali tieghu, il-beni li jmissu lilu skond l-art. 632 u l-beni li taghhom ghandu l-jedd ta` uzu skond l-art. 635 tal-Kodici Civili.*

*Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez kontra l-attrici li hija mharrka ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-**risposta guramentata tal-attrici ghall-kontrotalba** prezentata fl-10 ta` Novembru 2010 u taqra hekk –

*1. Illi l-esponenti tiddikjara illi fil-principju hija ma hijiex kontra l-likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni ta` l-akkwisti gja` ezistenti bejn Lotte Borg u l-intimat zewgha kif mitluba fl-ewwel u t-tieni talba ;*

*2. Illi b`danakollu, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti topponi ghal kwalunkwe talba ntiza sabiex talludi illi hija jista` jkollha fil-pussess fiziku taghha, xi beni appartenenti lill-komunjoni ta` l-akkwisti u/jew lill-patrimonju tad-defunta Lotte Borg, stante illi l-esponenti qatt ma hadet xejn mir-residenza jew il-patrimonju ta` l-imsemmija Lotte Borg, wisq anqas xi beni parafernali ta` l-intimat u ghalhekk f`dan is-sens, l-esponenti topponi ghat-tielet u ghas-sitt talba ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma ghandha l-ebda beni parafernali ta` l-intimat fil-pussess taghha, u konsegwentement, il-hames talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez kontra l-intimat ;*

*4. Illi f`dan ir-rigward, l-esponenti tirribadixxi illi huwa l-intimat illi ghandu fil-pussess, del resto llegali, tieghu beni appartenenti lill-assi ereditarju ta` Lotte Borg u li kwalunkwe likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni ta` l-akkwisti u, ghall-grazzja ta` l-argument jekk ikun il-kaz, ta` l-assi ereditarju tal-mejta Lotte Borg, ghandhom isiru tenut kont ta` dan il-fatt ;*

*5. Illi ulterjorment, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu ghat-tielet u r-raba` talba, l-esponenti topponi ghalihom u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-intimat, ukoll stante illi :-*

*i) B`referenza ghall-allegat jedd spettanti lill-intimat skond l-Artikolu 632 tal-Kodici Civili, l-intimat iddekada minnu stante illi huwa ghandu jigi dizeredat u mcahhad mis-sehem altrimenti lilu rizervat bhala r-ragel ta` Lotte Borg, meta b`mod regolari tul hajjitha, huwa cahad minghajr raguni l-manteniment lit-testatur a tenur tad-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 623(a) tal-Kodici Civili ; u*

*ii) B`referenza ghall-allegat jedd ta` uzu fuq l-ghamara fid-dar a favur ta` l-intimat skond l-Artikolu 635 tal-Kodici Civili, f`dan il-kaz dan il-jedd ma jezistix u/jew ma huwiex ezercitabbli mill-intimat stante illi ma tezisti l-ebda dar li tista` titqies bhala d-dar taz-zwieg ghall-finijiet tal-ligi ;*

*6. Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikonvenzjonali ta` l-intimat ghandhom jigu michuda bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess intimat ;*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici rikonvenuta.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-23 ta` Novembru 2010 fejn hatret lill-Av. Dr. Peter Borg Costanzi bhala perit gudizzjarju sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici, il-kontrotalba u l-eccezzjonijiet.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit gudizzjarju fid-29 ta` Settembru 2011 u li kkonferma bil-gurament tieghu fl-14 ta` Novembru 2011.

Rat il-provi kollha li saru wara l-hatra tal-perit gudizzjarju u l-atti li pprezenta l-perit gudizzjarju mar-relazzjoni.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-26 ta` April 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>L-isfond</u>

Lotte Borg (minn issa `l quddiem tissejjah "id-decujus") izzewget lill-konvenut l-Awstralja fl-10 ta` Mejju 1977. Xi zmien wara z-zwieg, huma gew joqghodu Malta. Lotte Borg mietet fil-5 ta` Ottubru 2008. Ma kellhomx ulied. Il-hajja mizzewga bejn id-decujus u l-konvenut kienet ilha li sfaxxjat pero` ghalkemm kien ilhom madwar tletin sena mifruda *de facto* (ara fol 10), qatt ma nfirdu *de jure.* L-attrici kienet habiba, qrib hafna tad-decujus fis-sens illi mhux biss kienet izzurha regolarment izda kienet

tiehu hsieb tal-bzonnijiet taghha, inkluz illi ssarraf ic-cheque tal-pensjoni taghha. Tant kienet issahhet ir-relazzjoni tad-decujus mal-attrici illi fit-testment li jirregola s-successjoni taghha u cioe` dak tal-1 ta` Settembru 1995 id-decujus hatret lill-attrici bhala eredi universali taghha.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Generali</u>**

Il-gbir tal-provi kollha dwar it-talbiet, dwar l-eccezzjonijiet ghat-talbiet, dwar il-kontrotalba u dwar l-eccezzjonijiet ghall-kontrotalba sar mill-perit legali Av. Peter Borg Costanzi. A fol 105 (l-ewwel paragrafu) hemm indikati l-persuni kollha li xehdu fil-kawza u li sar il-kontroezami taghhom. Ix-xiehda fid-dettall taghmel parti mill-atti li l-perit legali ta lura lill-qorti meta temm l-inkariku tieghu.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Il-kwistjonijiet fil-kawza</u>**

Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet kienu identifikati hekk :-

1) Il-pretensjoni tal-attrici illi flus kontanti li kienu tad-decujus fid-data tal-mewt taghha ttiehdu mill-konvenut ;

2) Il-pretensjoni tal-konvenut li ghandu jedd jiehu lura oggetti parafernali tieghu ;

3) Il-jedd pretiz mill-konvenut ghall-hlas tal-porzjoni rizervata ;

4) Il-kontestazzjoni tal-attrici ta` dan il-jedd pretiz mill-konvenut minhabba ragunijiet gravi li jwasslu ghal dizeredazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Il-flus</u>**

**i) <u>Provi</u>**

**<u>In succint</u>**, dan huwa li rrizulta mill-provi.

F`Gunju 2007, id-decujus kellha Lm9,000 kontanti. Fl-20 ta` Gunju 2007, billi kienet diehla l-isptar, ma riditx thalli flus id-dar u fdathom mal-attrici (*to keep in her care to look after for me*) – [ara l-iskrittura a fol 20]. Wara li d-decujus harget mill-isptar u marret lura d-dar, l-attrici ghaddiet il-flus lura lid-decujus skond skrittura tas-27 ta` Jannar 2008 (ara dokument a fol 26). Skond l-attrici, id-decujus qeghdet il-flus go kexxun jissakkar fil-komodina taghha. Ghalkemm l-attrici kellha cavetta tal-bieb principali tad-dar tad-decujus, ma kellhiex cavetta ta` dak il-kexxun. Ftit xhur qabel il-mewt tad-decujus, il-konvenut kien imur jara lil martu ghalkemm kellu relazzjoni ma` haddiehor. Id-decujus mietet l-isptar fejn kienet ilha xaghrejn. L-attrici tghid illi l-ahhar li rat il-flus kien xi jumejn qabel id-decujus dahlet l-isptar ghax uriethomlha hi stess. Wara dik l-okkazjoni, l-attrici tghid illi ma marritx aktar id-dar ta` Lotte Borg. Wara l-mewt tad-decujus, il-konvenut zamm lill-attrici milli tidhol fid-dar tad-decujus u rnexxielha tidhol wara intervent tan-Nutar Pierre Falzon mal-konvenut. Fil-presenza tal-konvenut, ippruvat tiftah il-kexxun fejn tghid illi kien hemm il-flus izda kien imsakkar. Billi ma kienx hemm ic-cavetta, kien sgassat il-kexxun pero` ma kienx hemm flus. L-attrici tghid illi l-konvenut accetta li ha l-flus biex ihallas il-funeral tad-decujus. Ghalhekk ghamlet rapport l-Ghassa tar-Rabat. Waqt li

kienet qeghda taghmel ir-rapport, il-konvenut cempel l-Ghassa u rrapporta li l-kexxun kien gie sgassat. Meta l-Pulizija kellmu lill-konvenut, dan accetta li kien ha flus mill-komodina (mhux mill-kexxun) pero` l-figura li ha kienet €2,780. Il-Pulizija ghamlet tfittxija fid-dar tal-konvenut u tal-habiba tieghu u sabu dik il-figura. Il-konvenut ighid illi kienet id-decujus li taghtu dawk il-flus biex ihallas bihom il-funeral taghha. U hekk ighid illi ghamel.

**ii) <u>Il-fehma tal-perit legali</u>**

Fir-relazzjoni tieghu a fol 108 il-perit legali jghid hekk –

*L-esponenti m`ghandu l-ebda dubju ta` xejn jikkonkludi illi l-ammont ta` €20,964 kienu ghand Lotte Borg sa Jannar 2008. X`gara bil-flus bejn dakinhar sakemm ittiehdet l-isptar ghal habta ta` April 2008 u x`gara bejn April 2008 sakemm gie zgassat il-kexxun huwa misteru.*

*Ma giex pruvat li xi hadd mill-partijiet jew hu l-konvenut kellhom ic-cavetta tal-kexxun fejn allegatament kienu l-flus. Meta, wara l-mewt ta` Lotte Borg, l-attrici ipprovat tiftah il-kexxun hija sabitu msakkar u kellha tisgassah.*

*Issa f`din il-kawza hemm nuqqas ta` prova sufficjenti li juri b`mod car u inekwivoku fil-grad rikjest fil-kamp civili li xi hadd mill-partijiet ha dawn il-flus. L-attrici tallega li l-konvenut hadhom u ghalhekk il-prova tispetta lilha. Il-konvenut jallega li l-attrici hadithom u ghalhekk il-prova tispetta lilu.*

*Hadd mill-partijiet ma gab prova sufficjenti in sostenn tat-tezi tieghu jew taghha. Il-konvenut mill-bidu nett ammetta li ha l-€2,780. Huwa hadhom in buona fede billi sa dak il-mument ma jidhirx li kien jaf bil-kontenut tat-testment ta` martu u sahansitra kien qed jagixxi fuq l-istruzzjonijiet precizi ta` martu.*

*Illi ghalhekk ghall-fini tal-komputazzjoni tal-legittima porzio dan l-ammont ta` €2,780 ghandu jitqies bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

**iii) Is-sottomissjonijiet tal-attrici**

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, l-attrici tiddikjara illi ma kenitx qeghda tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali dwar kemm kien l-ghadd tal-flus kontanti li kellha d-decujus fid-data tal-mewt taghha. Ibbazat il-fehma taghha fuq serje ta` cirkostanzi li kkwalifikat u ndikat fin-nota taghha u li ghax, fil-fehma taghha, jitfghu dell fuq il-kredibilita` tal-verzjoni tal-konvenut, allura jfisser illi, fuq bilanc ta` probabilitajiet, il-verzjoni taghha hija aktar versosimili u kwindi ghandha tkun emnuta hi. Li fis-sostanza ghall-attrici jfisser li l-figura li kien hemm fid-data tal-mewt ta` Lotte Borg kienet tqarreb dik li semmiet hi fir-rikors guramentat milli dik indikata mill-konvenut.

**iv) Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti**

Bhala punt ta` dritt, dak li trid tara l-Qorti huwa jekk l-attrici ghamlitx il-prova tal-pretensjoni taghha jew inkella kellhiex il- Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (*non esse et non probari paria sunt*). L-apprezzament mill-gudikant tal-fatti partikolari tal-kaz huwa vitali (**Kollez. Vol. L.II.225**). Il-qies tal-provi tibqa` dik konsolidata fil-gurisprudenza illi l-kriterju m`ghandux ikun jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fi-cirkostanzi svarjati tal-hajja (“**Borg vs Bartolo**” – Appell Inferjuri – 25 ta` Gunju 1980). Fis-sentenza taghha tal-11 ta` Frar 2004 fil-kawza “**Mercieca et vs Saliba**”, il-Qorti tal-Appell Inferjuri sostniet illi l-gudikant ma ghandu jitlaq minn ebda prekoncetti billi dawn ghandhom it-tendenza joffuskaw ir-ragonament ghaqli u l-interpretazzjoni sana u korretta tal-

provi. Huwa wkoll pacifiku illi l-grad ta' prova rikjest huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f`mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta` provi meqjusa fuq bilanc ta` probabilitajiet ("**Caruana vs Laurenti**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 8 ta` April 1994 ; "**Borg vs Manager ta` l-Intrapriza tal-Halib**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 17 ta` Lulju 1981; "**Vassallo vs Pace**" – Vol.LXX.II.144 u "**Zammit vs Petrococchino**" – Appell Kummercjali – 25 ta` Frar 1952).

F`dan l-isfond din il-Qorti tirrileva illi saret il-prova li fis-27 ta` Jannar 2008 Lotte Borg hadet lura minghand l-attrici l-ammont f`kontanti ta` €20,964.37 (ekwivalenti ghal Lm9,000) li qabel kienet fdat f`idejha biex tiehu hsiebhom. Jidher illi l-flus tqeghdu go kexxun li jissakkar. Lotte Borg mietet fil-5 ta` Ottubru 2008. Ma rrizultax li l-attrici u l-konvenut kellhom cavetta tal-kexxun. Ma hemmx prova x`sar minn dawk il-flus kollha bejn is-27 ta` Jannar 2008 u l-5 ta` Ottubru 2008. L-attrici tallega li qabel mietet Lotte Borg qaltilha li fil-kexxun kien hemm €20,000. Tallega li rat dawk il-flus b`ghajnejha xahar u nofs qabel Lotte Borg mietet hekk kif kienet diehla l-isptar. Jinsorgi l-kwesit : jekk huwa hekk x`raguuni kellha Lotte Borg li ma taghtix il-flus lill-attrici biex tikkustodihom kif kienet ghamlet f`okkazjoni precedenti anke tenut kont tal-fatt illi l-attrici kienet l-eredi ta` Lotte Borg ? L-allegazzjoni ta` l-attrici dwar l-€20,000 mhijiex korraborata minn prova ndipendenti. Din il-Qorti ma tistax tispekula. Trid tiddeciedi fuq provi konklussivi. Fil-kaz tal-lum, l-imgieba ta` l-konvenut, anke jekk diskutibbli, mhijiex prova konklussiva li kien hu li approprija ruhu mill-flus li kienu fil-kexxun. Hemm trapass ta` zmien, anke jekk relattivament qasir, fejn ma hemm traccja tal-kontanti. Irrizulta li Lotte Borg kienet izzomm il-flus maqfula. Ma rrizutax li haddiehor hlief hi kellu cavetta. Li biex infetah il-kexxun kellu jsir sgass. Anke jekk jinghad illi l-konvenut qalleb id-dar tad-decujus, ma hemmx prova li sab ic-cavetta u ha l-flus hu. L-uniku prova certa hi li l-ammont li jallega li tatu martu ghall-funeral taghha nstab kollu fil-pussess tieghu u tal-habiba tieghu. Seta` liberament ighid li martu ma tatu xejn u l-attrici ma kienx se jkollha biex tikkontestah.

Eppure l-ammont li nsab ghand il-konvenut u l-habiba tieghu jsostnu t-tesi tieghu. Cirkostanzi ohra li ssemmi l-attrici fin-nota meqjusa flimkien ma jaghmlux il-prova tal-ammont li qeghda tippretendi fil-kawza. Anke ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali.

**Ikkunsidrat :**

## VI. <u>Id-dizeredazzjoni</u>

Il-kwistjoni tal-allegata dizeredazzjoni tal-konvenut kienet sollevata mill-attrici fil-hames eccezzjoni taghha ghall-kontrotalba partikolarment it-tielet talba tal-konvenut. Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali ttratta din il-kwistjoni.

Id-dizeredazzjoni hija regolata bl-**<u>Art 622 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk –

*Barra mir-ragunijiet li ghalihom wiehed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-ligi ghandhom il-jedd ghas-sehem rizervat jistghu jigu mcahhda minnu b'dikjarazzjoni maghmula ghaldaqshekk mit-testatur, ghal xi raguni msemmija f 'dan il-Kodici, u li tkun imfissra fit-testment.*

Minn ezami tat-testment ta` Lotte Borg, ma jirrizultax li fit-testment taghha ghamlet xi dikjarazzjoni fis-sens illi riedet iccahhad lill-konvenut mis-sehem rizervat. Ladarba ma sarx hekk, ma jistax ikun hemm dizeredazzjoni u kwindi l-konvenut ghandu jedd ghas-sehem rizervat ta` l-wirt tad-decujus. Il-Qorti tidhol fil-fondatezza tar-raguni li jkun ta t-testatur ghad-dizeredazzjoni purche` tkun saret id-dikjarazzjoni fit-testment. Jekk ma tkunx saret id-dikjarazzjoni, il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tqis kwalsiasi provi li fil-fehma ta` min qieghed jallega twassal ghal li persuna ma tkunx denja li tiret.

**Ikkunsidrat :**

**VII. Is-sehem rizervat**

Bhall-perit legali, din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-konvenut ghandu jedd ghas-sehem rizervat ta` l-wirt ta` Lotte Borg, dan jammonta ghal terz tal-valur tal-beni fi propjeta` tad-decujus skond l-**Art 633 tal-Kap 16**. Din il-Qorti taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet tal-perit legali a fol 109 u fol 110 tar-relazzjoni ghaliex huma esposizzjoni korretta tal-istat tad-dritt.

**Ikkunsidrat :**

**VIII. Il-patrimonju tad-decujus**

**i) Flus**

Huwa stabbilit illi Lotte Borg kellha flus kontanti fl-ammont ta` **€2,780**. Ma hemmx prova ta` depoziti bankarji.

**ii) Spejjez funerarji**

Dawn kienu jammontaw ghal **€773**. Mhux pruvat li kien hemm xi dejn iehor.

**iii) Mobbli**

Fir-relazzjoni, il-perit legali jghid hekk (ara fol 110) –

*Hija kellha numru zghir ta` mobbli fejn kienet toqghod. Il-partijiet ma ressqu ebda stima u hallew il-valutazzjoni tal-istess lill-esponenti fuq bazi ta` arbitrio boni viri u ghalhekk l-esponent qieghed jistima l-valur tal-mobbli ghal €1000. Dawn l-oggetti huma tal-komunjoni tal-akkwisti u l-partijiet hallewha f`idejn l-esponenti biex jaqsam dawn l-oggetti u l-esponenti ghalhekk huwa tal-fehma illi l-attrici ghandha tinghata l-wachine machine u l-fridge filwaqt li l-konvenut jinghata t-telephone, television, cooker, gwardarobba, gradenza u kcina. L-esponenti mhux tal-fehma li ghandhom japplikaw d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 635 tal-Kap 16 f`dan ir-rigward stante illi l-konvenut jghix band`ohra u ser jinghata d-dritt ta` abitazzjoni tieghu minghajr diskussjoni dwar il-kontenut.*

Wara li rat l-atti u hadet in konsiderazzjoni l-fehma tal-perit legali, din il-Qorti tghid illi dak rakkomandat mill-perit legali qieghed jigi accettat u sejjer jitwettaq minn din il-Qorti ghaliex huwa ragjonevoli, ekwu u rigwarduz tal-istat tad-dritt.

Kwindi din il-Qorti qeghda tghid hekk –

**(a) Il-valur tal-mobbli huwa <u>€1,000</u> ;**
**(b) Il-mobbli jappartjenu kollha lill-komunjoni tal-akkwisti ;**
**(c) Sehem id-decujus *in natura* minn dawk il-mobbli ikun kif sovraindikat mill-perit legali ;**
**(d) L-istess ighodd ghas-sehem tal-konvenut ;**
**(e) Il-konvenut ma jkollux jedd ghall-uzu tal-oggetti li sejra tiehu l-attrici.**

**iv) <u>Immobbli</u>**

L-immobbli huwa deskritt fir-relazzjoni peritali (ara fol 110). Il-fond in kwistjoni 6, Sqaq Numru 3, Triq Bir ir-Riebu, Rabat kien stmat illi jiswa **<u>€15,000</u>** mill-Perit Alan

Saliba li kien inkarikat *ex parte* miz-zewg partijiet biex jaghti stima (ara fol 175).

Ladarba dik l-istima kienet accettata miz-zewg partijiet, din il-Qorti se tadottaha bhala rapprezentanti l-valur tal-fond.

Bhall-perit legali, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-fond m`ghandux jittiehed kont tieghu ghall-fini tal-kalkolu tas-sehem rizervat tal-konvenut billi ghandu l-jedd tal-okkupazzjoni.

**v) <u>Deheb u fidda</u>**

Ghar-ragunijiet indikati mill-perit legali, anke din il-Qorti hija tal-fehma li d-deheb u fidda mhuwiex parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghandhom jitqiesu bhala parafernali ta` Lotte Borg. L-istima taghhom fl-ammont ta` **<u>€1,800</u>** qeghda tkun milqugha (ara fol 174).

**vi) <u>Riassunt</u>**

Id-determinazzjoni tal-patrimonju tad-decujus li fuqu jrid imbaghad jinhadem is-sehem rizervat tal-konvenut huwa dan :-

| | | |
|---|---|---|
| Flus | : | €1,390 + |
| Mobbli | : | € 500 |
| Deheb u fidda | : | €1,800 |
| Total | : | €3,690 – |
| Funeral | : | €773 |
| **<u>Bilanc</u>** | : | **<u>€2,917</u>** |

Din il-Qorti tikkondividi u taghmel taghha in-nota tal-perit legali fir-relazzjoni (ara fol 111) li tghid hekk –

*Il-konvenut ghandu dritt ghal terz ta` dan il-valur u ghalhekk is-sehem spettanti bhala porzjoni riservata hija ammontanti ghal **€972**.*

*Meta mietet Lotte Borg huwa ha €2,780 li minnhom nefaq €773 ghall-funeral u minnhom ghandha titnaqqas is-somma ta` €972 rapprezentanti l-valur tal-porzjoni riservata u ghalhekk jibqa` bilanc ta` **€1,035**.*

**Ikkunsidrat :**

**IX. <u>Beni parafernali tal-konvenut</u>**

Bhall-perit legali, din il-Qorti ma ssibx prova ta` beni li skond il-konvenut huma parafernali u li skond hu kienu ghand id-decujus. Kwindi il-pretensjoni tal-konvenut hija michuda.

Finalment, dwar il-kap tal-ispejjez, din il-Qorti sejra tipprovdi diversament milli ppropona l-perit legali fir-relazzjoni tieghu ghaliex tqis illi l-provvediment taghha huwa aktar konformi ma` kif se jkunu decizi t-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddisponi mit-talbiet attrici, mit-talbiet rikonvenzjonali, mill-eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-attrici ghar-rikonvenzjoni billi –**

**Tipprovdi dwar it-tliet talbiet attrici, u dwar it-tielet u r-raba` talbiet rikonvenzjonali, billi tordna lill-**

**konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta` elf u hamsa u tletin Ewro (€1,035) li tirrapprezenta l-ammont nett tal-flus li ha mid-dar tad-decujus, wara li tnaqqsu l-ispejjez funerarji fl-ammont ta` seba`mija tlieta u sebghin Ewro (€773), u wara li tnaqqas il-valur tas-sehem rizervat li l-konvenut ghandu jedd ghalih mill-wirt tad-decujus likwidat fl-ammont ta` disa` mija tnejn u sebghin Ewro (€972) [ara l-kontegg a fol 111 tal-process] bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tiddikjara li l-attrici ghandha jedd ghal dak id-deheb u l-fidda, li skond id-dokument a fol 174, kien stmat li jiswa elf u tmien mitt Ewro (€1,800) u dan billi kien beni parafernali ta` Lotte Borg, li taghha l-attrici hija l-eredi universali. Kwindi tordna wkoll lill-konvenut sabiex irodd lill-attrici dak id-deheb u l-fidda.**

**Tilqa` l-ewwel parti tat-tielet talba rikonvenzjonali li tirrigwarda l-jedd tal-konvenut skond l-Art 632 tal-Kap 16, u tichad il-bqija tal-istess talba rikonvenzjonali.**

**Tipprovdi dwar it-talbiet l-ohra rikonvenzjonali billi in kwantu ghall-ewwel talba filwaqt li taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet fuq premessi, tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti bejn id-defunta Lotte Borg u l-konvenut billi in kwantu ghall-flus tghid illi jghodd dak diga` premess, in kwantu ghal mobbli tghid li jikkonsistu minn washing machine, fridge, telephone, television, cooker, gwardarobba, gradenza u kcina, valutati li jiswew kollha flimkien l-ammont ta` elf Ewro (€1,000) u in kwantu ghal immobbli tghid illi dan jikkonsisti fil-fond 6, Sqaq Numru 3, Triq Bir ir-Riebu, Rabat, valutat illi jiswa l-ammont ta` hmistax-il elf Ewro (€15,000).**

**Kwantu ghat-tieni talba, taqsam il-komunjoni tal-akkwisti bejn id-defunta Lotte Borg u l-konvenut billi in kwantu ghall-flus tghid illi ghandhom ighoddu l-konteggi u l-hlasijiet indikati fl-ewwel provvediment ta` dan id-decide, in kwantu ghall-mobbli tassenja lill-attrici bhala eredi ta` Lotte Borg rappresentanti sehemha mill-mobbli l-washing machine u l-fridge, u tassenja lill-konvenut bhala sehemu mill-mobbli t-telephone, television, cooker, gwardarobba, gradenza u kcina, u in kwantu ghall-immobbli 6, Sqaq Numru 3, Triq Bir ir-Riebu, Rabat, tiddikjara illi dan jappartjeni in kwantu nofs indiviz lill-attrici u in kwantu ghan-nofs indiviz l-iehor lill-konvenut, bid-dritt ta` abitazzjoni favur il-konvenut.**

**Kwantu ghas-sitt talba, u riferibbilment ghall-komunjoni tal-akkwisti, tordna lill-kontendenti sabiex reciprokament jirrilaxxjaw favur il-parti l-ohra l-mobbli konsistenti minn telephone, television, cooker, gwardarobba, gradenza u kcina favur il-konvenut, u l-mobbli konsistenti minn washing machine u fridge favur l-attrici.**

**Tichad il-hames talba rikonvenzjonali.**

**Tichad dik il-parti tas-sitt talba limitatament fejn din tolqot it-tieni parti tat-tielet talba rikonvenzjonali u fejn tolqot il-hames talba rikonvenzjonali.**

**Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------